**Kif tinvolvi liż-żgħażagħ fil-quddiesa:**

**Preparazzjoni tal-Artal:** Terħa bajda, korporal, leġiju u l-ktieb tal-quddiesa, xemgħat, impulluzzi bl-ilma u l-inbid, tazza bl-ilma, purifikaturi/imkatar bojod

**Preparazzjoni tal-Ambjent fejn ser nitolbu:** Drapp, cushions, tapiti, xemgħat, spots, pjanti, simboli, posters, banners, shape tas-seating, power point, backdrops, .... kollha jgħinu basta mhux esaġerazzjoni

**Preparazzjoni tal-ilbies tas-Saċerdot:** Alba, ċinglu, stola, pjaneta bil-kuluri u li fuq dan kollu jista' jkun hemm spjega qabel tibda l-quddiesa

**Preparazzjoni tal-Intenzjoni:** Din tista ssir billi wieħed jagħmel ktieb ħdejn il-mejda tal-offerti fejn wieħed jista' jniżżel għal min jixtieq joffri t-talba tal-quddiesa

**Preparazzjoni tal-Kant:** Wieħed għandu jvarja l-innijiet, bla ma jagħmilha diffiċli biex isir il-kant flimkien, jistgħu jintużaw ukoll background music, jew kanzunetti b'messaġġ

**Preparazzjoni tat-talbiet tal-Maħfra:** Tliet jew sitt talbiet bir-respons ikun Mulej Ħniena, Kristu Ħniena, Mulej Ħniena.... jew talbiet kemm tixtiequ u nwieġbu dejjem Maħfra nitolbuk Mulej

**Preparazzjoni tal-Att Penitenzjali:** Hawn minflok talbiet, wieħed jista' jagħmel eżami tal-kuxjenza qasir, u xi simbolu, attivita' li jindika l-indiema... dan ma għandux jieħu post il-qrar

**Preparazzjoni tal-Qari:** L-ewwel qari, is-salm li jista' jitkanta jew jingħad b'mod differenti, it-tieni qari, l-hallelujah, l-evanġelju meta dan ser jinqara bħal passju fil-Ġimgħa l-Kbira

**Preparazzjoni tal-Omelija:** It-tema tal-quddiesa għandha tiġi żviluppata fl-omelija bl-għajnuna ta' sketches, mimes, exercises, intervisti, mistoqsijiet.... mhux kemm isir, imma kemm jasal ċar

**Preparazzjoni tal-Istqarrija tal-Fidi:** Hawn wieħed jista' jagħmel l-istqarrijiet li jsiru fis-sagrament tal-magħmudija, jew issir riferenza għar-rit tal-Griżma tal-Isqof

**Preparazzjoni tat-Talbiet tal-Komunita':** Madwar sitt talbiet li fihom jinkludu talb għall-Papa u l-Isqfijiet, għall-knisja, għan-nies preżenti, intenzjonijiet oħra partikulari

**Preparazzjoni tal-Offerti:** Ostji fejn wieħed jara kemm ser jitqarbnu, ilma u nbid, u simboli oħra li jkunu ser jiġu spjegati qabel l-offertorju

**Preparazzjoni atmosfera ta' skiet:** Waqt il-ħin tal-konsagrazzjoni tajjeb li ssir riferenza lejn l-importanza tas-silenzju, esterjuri u anke dak interjuri, u jekk possibbli kulħadd idur mal-artal...

**Preparazzjoni għat-talba tal-Missierna:** Emfasi fuq l-għaqda ta' bejnietna, li aħna aħwa tal-istess Missier, l-iva tagħna quddiem ir-Rieda ta' Alla, il-fidi fil-providenza, il-maħfra bejnietna, u l-protezzjoni..

**Preparazzjoni għall-Paċi li nagħtu lil xulxin:** Wieħed jinkuraġġixxi li fejn possibbli nduru lil kulħadd, jistgħu jsiru anke xi simboli ta' paċi... katina bil-karti, bdil ta' cards, talb għal xulxin, siltiet mill-bibbja fuq il-paċi

**Preparazzjoni għat-Tqarbin:** F'irtiri u quddies tal-komunita', wieħed jista' jagħmel it-tqarbin biż-żewġ speċi bi ftehim mas-saċerdot... hawn wieħed jista' jinvolvi persuni fir-ringrazzjament

**Preparazzjoni għal tmiem il-quddiesa:** Kull ċelebrazzjoni spiritwali, tajjeb li jkollha ssegwi, ċelebrazzjoni ta' ferħ, bħal drink, xi birthday cake, ħarġa, u allura hemm bżonn nies biex jisbarazzaw u jieħdu ħsieb l-attivita' li tkun ser issir wara.